MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2312/2004

**SMS Insurance Agency Ltd (C5645) ghan-nom tas-socjeta` estera Ecclesiastical Insurance Office plc, surrogata fil-jeddijiet ta' Joseph Lautier (ID 1057545M) u l-istess Joseph Lautier**
**vs**
**Carmel Portelli (ID222748M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2004, fejn intalab l-ammont ta' tlett mija u tnejn u ghoxrin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm322.47) rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara l-incident stradali tat-22 ta' Novembru, 2003 li sehh fi Trqi Hompesch, Fgura, meta l-konvenut kien qed isuq vettura MLG-004 u habat ma' vettura JLA-012 assigurata mas-socjeta` attrici u proprjeta` ta' l-attur Joseph Lautier. Mill-ammont mitlub hamsa u ghoxrin lira (LM25) huma excess filwaqt li hamsa u**

**sebghin lira (Lm75) huma spejjez ta' car hire subiti mill-attur Joseph lautier, filwaqt li l-bilanc ta' mitejn tnejn u ghoxrin lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm222.47) gie saldat mis-socjeta` attrici skond il-polza ta' assigurazzjoni. Ghall-inicdent jahti unikament il-konvenut.**
**Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-11 ta' Mejju, 2004 (Dok.A), l-ittra ufficjali tas-7 ta' Settembru, 2004 (Dok.B) u l-ittra ufficjali (Dok.C) prezentata kontestwalment mal-avviz ghall-finijiet tal_Kap.104, u bl-imghax dekoribbli sal-effettiv pagament.**

**Ra r-risposta tal-konvenut noe prezentata fis-27 ta' Dicembru, 2004, fejn intqal:**
**i. Illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija ta' Peter Zammit xufier tal-vettura attrici Nru.JLA-012.**
**ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-atturi. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-atturi ghandhom igibu l-prova tad-danni skond il-ligi.**
**iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta' danni favur l-atturi.**
**iv. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.**
**v. Bl-ispejjez kontra l-istess atturi.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Axiaq, Peter Zammit, WPC 51 Louise GrechDavid Schembri, Brian Farrugia, PS1211 Richard Zammit. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**
**Ikkunsidra :**
**1. Is-socjeta' attrici qed titlob danni rizultanti minn incident stradali li sehh fit-22 ta' Novembru, 2003, fi Triq Hompesch, Fgura, bejn il-konvenut li kien qed isuq vettura MLG-004 u l-attur li kien qed isuq il-vettura JLA-012.**
**2. Mir-road accident report jirrizulta li l-attur qal li kien parkeggat wara l-vettura tal-konvenut fil-Hompesch Steel Works Compound, meta l-konvenut regga lura go fih. Il-konvenut jghid li kien qed iregga lura fil-post imsemmi meta l-attur ghamel u-turn u habat fih.**

**3. Iz-zewg vetturi kienu fl-imsemmi scrap yard sabiex ihottu « scrap material ». Dan il-post huwa partikolari ghall diversi fatturi. Fl-ewwel lok it-truck li ser ihott irid jippozizzjona ruhu taht il-qarnita tal-crane u dana billi jregga lura ghal tahta, u biex isir dan jaghti sinjal il-persuna li jkun qed jimmanigga il-crane. F'dan ir-rigward ghandu jinghad li ma hemmx ebda mod specifiku li bih tal-crane jindika ghall liema sewwieq qed isejjah. Jinghad ukoll li hemm uzin, u min ser ihott irid ipoggi l-vettura biex tintizen bl-iscrap u wara tintizen minghajr scrap. Dana l-uzin qieghed vicin tal-gate.**

**4. L-attur jghid li meta kien fl-iscrap yard kien qed jistenna lil tal-crane biex jaqbad ix-xoghol, u waqt li qed jistenna trakk kbir regga lura fih. Jghid li meta rah jregga lura paqpaqlu, pero` xorta l-attur intlaqat fil-bieba tas-sewwieq. L-attur jispjega li l-konvenut kien parkeggat aktar lejn il-lemin minnu, u kienu cirka metru l-boghod minn xulxin.**

**5. Il-konvenut jghid li warajh kien hemm vettura li kienet qed thott l-iscrap filwaqt li inizjalment quddiemu kellu lill-attur. L-attur ghamel U-turn, filwaqt li l-konvenut kien qed iregga lura u b'hekk sehhet il-kollizzjoni billi l-vettura tal-konvenut, naha tax-xellug ta' wara, laqtet il-vettura tal-attur fil-bieba ta' quddiem in-naha tal-lemin. Il-konvenut hu u jregga lura hares fil-mera ta' fuq in-naha tieghu u ma rax lill-attur. Tal-crane dak il-hin ghamillu sinjal biex jieqaf.**

**6. Jirrizulta li f'dak il-post l-uzu tal-horn huwa inutili, ghaliex minhabba il-hsejjes ma jinstemghax.**

**7. Tenut kont ta' dak li ntqal, ma hemmx dubbju li fejn sehh l-incident huwa post partikolari ferm, kif gja intqal. Jekk l-attur ghamel manuvra li ma kienetx skond il-prassi tal-post, il-konvenut ma kienx attent sufficjentement waqt li qed iregga lura. Ghalhekk il-maggor parti tal-akkadut tinkombi fuq il-konveut. It-Tribunal qed iqies li l-konvenut kien responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghall-incident li sehh, u l-attur responsabbli fi grad ta' terz.**

**8. Id-danni jirrizultaw pruvati fl-ammont reklamat, u peress illi l-konvenut kien resposbbli fi grad ta' zewg terzi, jigi li dan ghandu jhallas lill-atturi s-somma ta'**

**mitejn u erbatax-il lira maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm214.98).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici fis-sens illi isib lill-konvenut responsabbli fi grad ta' zewg terzi ghall-incident li sehh, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u disgha u tmenin lira maltija u tmienja u disghin centezmu (Lm189.98) u lill-attur is-somma ta' hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm25.00), bl-imghax legali dekkoribbli mill-lum sal-effettiv pagament.**

**L-ispejjez kollha ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall zewg terzi mill-konvenut u terz mill-atturi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------